MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2013

Talba Numru. 739/2011

**Karmenu Mifsud**
**ID 712557 (M)**

**vs**

**Joseph Bonnett (ID 697669 M) u b'digriet datat 6 ta' Jannar 2012 isem, u cioe' kunjom il-konvenut irid jinqara minnflok "Bonnet" jaqra "Bonett"**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur iddikjara illi l-attur ipprovda servizz funebri bhala kummissjonant lill-konvenut accettanti, relattivament mal-funeral ta' missier il-konvenut li nzamm fl-20 ta' April, 2011; Illi s-servizz rez mill-attur lill-konvenut jammonta ghal elf erba' mija u wiehed u tmenin ewro u sitta u erbghin centezmu (€1,481.46) inkluz VAT; Illi l-attur, thallas biss l-ammont ta' tmin mija u sebghin ewro (€ 870) u cioe' baqa' bilanc

rimanenti ta' sitt mija u hdax-il ewro u sitta u erbghin centezmu (€ 611.46) inkluz il-VAT; Illi l-konvenut ghalkemm interpellat biex ihallas il-bilanc baqa' inadempjenti; Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex tikkundannah ihallas is-somma ta' sitt mija u hdax-il ewro u sitta u erbghin centezmu (€611.46) inkluz l-VAT u oltre l-imghaxijiet fuq l-istess skond il-ligi mid-data meta s-servizz kien rez sad-data tal-pagament effettiv. Bl-ispejjez, inkluz tal-ittri legali datati 22 ta' Gunju, 2011 u 5 ta' Awwissu, 2011, b'dana l-konvenut huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut, li permezz taghha eccepixxa illi qabel xejn hemm lok ghal korrezzjoni fil-kunjom tal-konvenut sabiex dan jigi jaqra "Bonett" u mhux "Bonnett"; Illi fi kwalunkwe kaz, il-konvenut ma hux il-legittimu kontradittur stante illi hu ma hux il-werriet tal-persuna li taghha sar il-funeral (servizz funebri) mertu ta' din il-kawza; Illi ghalhekk ghandhom jigu kjamati fil-kawza Andre u Lisa ahwa Bonello li huma l-werrieta; Salv eccezzjonijiet ohra.

Ra li l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-22 ta' Frar, 2013. Ra r-rikors tal-konvenut datat 31 ta' Jannar, 2013, li permezz tieghu talab is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza. Ra d-digriet tieghu tal-1 ta' Frar, 2013. Ra li ghalkemm il-konvenut naqas milli jinnotifika lill-attur bir-rikors u digriet msemmija, l-attur ipprezenta risposta ghal dan ir-rikors, liema risposta hija datata 4 ta' Marzu, 2013. Ra d-digriet tieghu tal-15 ta' Marzu, 2013, li permezz tieghu t-talba tal-konvenut giet michuda.

Semgha x-xhieda tal-attur, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnu.

Ikkunsidra,

Illi l-attur xehed illi l-konvenut avvicinah wara l-mewt ta' missieru bil-ghan illi jigi organizzat il-funeral tieghu. L-attur jezercita s-sengha ta' *undertaker*. Illi l-attur iddikjara

li kien il-konvenut li kkommissjonah sabiex jorganizza dan il-funeral. Illi l-funeral in kwistjoni sar, u ghalkemm l-attur ircieva parti mill-pagament dovut lilu, madanakollu, kien fadal bilanc x’jithallas, li huwa l-ammont mitlub in forza ta’ din l-azzjoni. Illi wara li l-attur kien avvicina lill-konvenut sabiex jitolbu l-hlas, hu kien ircieva cheque ghal nofs l-ammont. L-attur jghid li ntqal diskors mal-konvenut fis-sens illi l-kont tas-servizzi funebri kellhom jithallsu minn kontijiet bankarji li missier il-konvenut kellu fi hdan bank lokali, u li l-attur issuggerixxa lill-konvenut sabiex jiehu mieghu c-certifikat tal-mewt ta’ missieru sabiex ikun jista’ jigi mwettaq il-hlas minn dawn il-flus. Mistoqsi jekk il-konvenut kienx qallu li ma kienx ser ihallas ghaliex ohtu kienet wirtet lil missierha, qal illi mhux minnu, anzi li kien hemm l-intendiment illi l-kont kien ser jithallas mill-flus li kien hemm il-Bank. Qal ukoll li meta avvicina lil oht il-konvenut in konnessjoni mal-hlas li kien dovut lilu ghas-servizzi minnu prestati, din qaltlu li ma kienitx disposta li thallas ghaliex il-konvenut kien arbitrarjament ha u approprja ruhu minn xi flus ta’ missieru. Illi l-attur spjega f’hix kienu jikkonsistu l-ispejjez li taghhom qed jintalab il-hlas, oltre illi giet ipprezentata kopja tal-fattura relattiva (a fol. 19 tal-atti).

Ikkunsidra,

Illi ghalkemm il-konvenut ma ressaqx provi f’din il-kawza – u dan minkejja l-fatt illi nghataw tliet (3) differimenti ghal dan il-ghan – hu pprezenta r-risposta tieghu, li permezz taghha ddikjara li hu mhux il-legittimu kontradittur peress illi mhux l-eredi tad-defunt missieru. Illi hu ddikjara wkoll illi ghandhom jigu kkjamati in kawza certu Lisa u Andre, ahwa Bonello, izda hadd mill-partijiet ma talab sabiex dan isehh. Illi l-eccezzjonijiet li tressqu mill-konvenut huma limitatament f’dan ir-rigward.

Illi ghalhekk ma hemm ebda kontestazzjoni da parti tal-konvenut dwar l-ammont li qed jintalab il-hlas tieghu in forza ta’ din l-azzjoni, izda l-kontestazzjoni tieghu hija unikament dwar minn min huwa dovut dan l-ammont.

Illi dwar l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut, ma ngabet ebda prova minnu li hu mhux il-legittimu kontradittur, u lanqas ma gie kkontestat minnu l-valur probatorju tal-kopja tal-*e mail* (a fol. 23 tal-atti) li jidher li ntbaghtet mill-konvenut lil bint l-attur, Rodianne Mifsud, sabiex jipprovdi informazzjoni dwar il-persuni li ghandhom jigu indikati bhala l-familjari tad-defunt Joseph Bonett;  illi l-persuna li bghat din l-*e mail* identifika ruhu fiha bhala l-Kommisjonant, u li kien hu li "qabbad", ossia inkariga, is-servizzi tal-attur.  Illi din l-*e mail* hija datata 17 ta' April, 2011, filwaqt li l-fattura rilaxxjata mill-attur hija datata 20 ta' April, 2011, u ghalhekk wiehed jista' serenament jasal ghall-konkluzjoni illi dawn iz-zewg dokumenti jittrattaw dwar l-istess *decuius* u l-istess servizzi funebri.

Illi t-Tribunal huwa tal-fehma illi gie sodisfacentement ipprovat in-ness guridiku bejn il-partijiet kontendenti, in kwantu kien il-konvenut li nkariga s-servizzi tal-attur, u dan minghajr ebda limitazzjonijiet u kundizzjonijiet; mill-atti ma jirrizultax illi ntlahaq xi ftehim bejn il-partijiet illi l-hlas lill-attur ghandu jigi mwettaq unikament mill-eredi, jew li jintalab lill-eredi, u ladarba rrizulta sodisfacentement illi kien il-konvenut li inkariga s-servizzi tal-attur, liema servizzi jidher li gew sodisfacentement rezi – ghaliex ma tressqet ebda eccezzjoni in rigward – allura dan ghandu jwettaq il-hlas dovut, minghajr pregudizzju ghal kwalunkwe dritt talvolta spettanti lill-konvenut li jitlob refuzjoni *in toto* jew *in parte* ta' dan id-debitu minghand l-eredi tad-defunt missieru.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa' it-talba tal-attur u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' sitt mija u hdax-il ewro u sitta u erbghin centezmu (€611.46) bl-imghax mid-data tal-prezenti.

L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------